MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 184/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Warnes Paul (Passaport GBR800358139)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' disa' mija u ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€901.71), in konnessjoni ma' 79830274 (*A/C40180106.)*

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' disa' mija u ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€901.71), bl-imgħax legali dekorribbli mit-23 ta' Mejju 2013 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 1182/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------